Ġrajjietna

# SAN ANTON ABBATI

## L-EWWEL KNISJA PARROKKJALI TAX-XAGĦRA

*Kitba ta' Dun Joe Bezzina*

IX-XAGĦRA hi waħda mill-eqdem imkejjen mgħammra ta' Għawdex. Ma wasslulniex ovvjament l-għerejjex primittivi li fihom għammru l-ewwel nies, iżda wasslulna xi ħaġa bil-wisq aqwa: it-Tempji Megalitiċi tal-Ġgantija, rikonoxxuti bħala *World Heritage Site*, jiġifieri bħala Wirt ta' Importanza Dinjija. Dawn it-tempji bdew jinbnew madwar 5,600 sena ilu. Iżda f'din il-kitba se nħarsu lejn ġrajja li bdiet ħafna sekli wara, ftit iktar minn tliet mitt sena ilu.

### *Sant'Anton tal-Qaċċa*

Ix-Xagħra dik il-ħabta kienet mgħammra mhux ħażin u dan jixhduh żewġ fatti. L-ewwelnett ċensiment interessanti magħmul fl-1667 li minnu nafu li f'Xagħret il-Għażżenin, kif inhu msejjaħ il-post, kien hemm joqogħdu 290 ruħ, 55 oħra kienu joqogħdu fix-xaqliba ta' Marsalforn. It-tieni jixhdu l-fatt li x-Xagħra kienet imdewda b'kappelli żgħar, u l-kappelli huma xhieda ta' komunità ta' bdiewa li toqgħod fil-viċin. L-iktar kappelli magħrufa kienu dawk ta' Santa Marija ta' Gajdoru u ta' Sant'Anton tal-Qaċċa, destinata li tingħażel bħala l-ewwel knisja parrokkjali tax-Xagħra.

Fl-20 ta' April, 1687, Davide Cocco Palmeri, l-Isqof ta' dawn il-gżejjer, salpa lejn Għawdex biex jagħmel viżta pastorali li damet sejra sittax-il ġurnata: mill-20 ta' April sal-5 ta' Mejju. Milli jidher hu nnifsu żar l-inħawi kollha tal-gżira u għalhekk seta' jifhem aħjar il-qagħda ġenerali u l-ħtiġijiet pastorali ta' l-Għawdxin. Minn diversi laqgħat li kellu ma' l-Arċipriet tal-Matriċi, Dun Karlu Magri u mas-saċerdoti kollha tal-gżira, kompla ħa stampa iktar ċara tal-ħtiġijiet l-iktar immedjati. Xhieda ta' dan hi l-aħħar deċiżjoni li ħa qabel telaq lura lejn Malta.

Ir-rapport ta' l-Isqof Cocco Palmeri dwar ix-Xagħra jixhed li l-iktar kappella miżmuma tajjeb kienet dik ta' Sant'Anton tal-Qaċċa. Tissejjaħ tal-Qaċċa għax tinsab proprju fil-ponta l-iktar għolja tar-raħal, fil-quċċata tiegħu. Kienet miżmuma l-aħjar għas-sempliċi raġuni li l-maġġuranza tan-nies kienu joqogħdu ħdejha. Quddiemha sa kellha zuntier fejn kien isir id-dfin. Fi tmiem il-quddiesa f'Jum il-Festa kienu jitqassmu lin-nies preżenti salma qamħ magħmula ħobż u kwart inbid.

### *It-talba għat-twaqqif tal-parroċċa*

Ħaġa li fil-Viżta ma tissemmiex, iżda li nafuha minn imkien ieħor, hi li meta kien hemm, xi Xagħrin urew lill-Isqof il-ħtieġa u x-xewqa li jwaqqfilhom parroċċa. Min kienu dawn ix-Xagħrin ma nafux, għax ma jidhirx li kienet ġiet ippreżentata xi petizzjoni forali lill-Isqof għal dan il-għan. U jekk saret talba bil-miktub ma waslithilniex. Iżda, bejn wieħed u ieħor, nafu x'qalulu lill-Isqof.

L-ewwelnett semmewlu d-diffikultajiet li kellhom biex jirċievu s-Sagramenti. Il-Knisja Matriċi, il-parroċċa tagħhom, kienet 'il bogħod; barra dan, bil-lejl, il-bibien taċ-Ċittadella kienu jingħalqu u għalhekk lanqas f'każ ta' bżonn ma setgħu jitolbu s-Sagramenti. Fix-xitwa, xi drabi, anqas nhar ta' Ħadd ma kien jirnexxilhom imorru l-quddies.

It-tieni, qalulu li qegħdin jagħmlu dik it-talba minħabba l-fatt li t-tfal subien u bniet tagħhom ftit li xejn setgħu jmorru għat-tagħlim tad-duttrina. Dik il-ħabta, id-duttrina kienet tiġi mgħallma aktarx f'xi kappella tal-Matriċi nhar ta' Ħadd u wieħed jifhem malajr li kienet ferm diffiċli li t-tfal imorru d-duttrina. Għaldaqstant, numru minnhom kienu jibqgħu bla ma jirċievu s-sagramenti tat-tqarbin u l-qrar.

Qalulu fl-aħħarnett li, minħabba l-istess raġunijiet fuq imsemmija, kienu ħafna dawk li kienu qed imutu mingħajr ma jirċievu l-Griżma tal-Morda u l-Vjatku Mqaddes.

Dawn id-diffikultajiet kienu qed jiltaqgħu magħhom mhux biss in-nies fil-kontrada ta' Sannat, iżda wkoll, kif jgħidilna l-istess Isqof, dawk tal-kontradi ta' Santa Margerita ta' Sannat, ta' Santa Marija tal-Qala, u ta' Santa Marija tal-Virtut taż-Żebbuġ. L-isqof kien tant konvint bil-ħtiġijiet tan-nies ta' dawn l-erba' kontradi, li ried li jagħmel xi ħaġa għalihom qabel jitlaq minn Għawdex.

***Dun Ewġenju Azzupardu: kważi kappillan għall-kampanja***

Tul il-Viżta tiegħu, mat-tliet diffikultajiet li sema' mingħand in-nies, l-Isqof ittenda bi tnejn oħra. L-Arċipriet Karlu Magri tal-Matriċi kien imdaħħal fiż-żmien u minħabba l-età u saħħtu, b'ebda mod ma seta' jlaħħaq ma' l-estensjoni tal-parroċċa tiegħu. Barra dan, Dun Karlu, wieħed mill-Arċiprieti l-iktar eminenti tal-Matriċi t'Għawdex, kien ilu li beda jonqsu d-dawl ta' għajnejh. Sa l-1687 aktarx li ftit li xejn kien għadu jara.

Kien hemm raġuni gravi oħra. Dak iż-żmien, peress li Malta u Għawdex kienu Djoċesi waħda, ġara kemm-il darba li xi kappillani u kanoniċi f'Għawdex kienu jkunu Maltin. B'dispjaċir wieħed jinnota li wħud minnhom kien jinteressahom biss il-flus li kien jirrendilhom il-benefizzju jew il-kanonikat u kienu jaqgħu u jqumu mill-ħtiġijiet pastorali ta' l-Għawdxin. L-Isqof Davide Cocco Palmeri, matul l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu, ittenda b'dan l-abbuż u nhar is-6 ta' Mejju, għamel inkjesta fuq hekk.

Dawn ir-raġunijiet kollha kkonvinċew lill-Isqof jieħu deċiżjoni minnufih. Nhar l-4 ta' Mejju, 1687, il-Ħadd ta' qabel Lapsi, l-Isqof qaddes solennement fil-Matriċi fit-tmiem tal-Viżta Pastorali tiegħu. Fl-istess għodwa, hu ħareġ id-Digriet li permezz tiegħu ħatar lil Dun Ewġenju Azzupardu viċi-parroku ta' Dun Karlu biex jieħu ħsieb in-nies tal-kontradi msemmija. Dun Ewġenju, saċerdot żagħżugħ min-Naxxar Malta, kien wieħed mill-missjunarji tal-Viżta. Kienet drawwa, li qabel il-Viżta Pastorali, jintbagħtu xi patrijiet jew qassisin ħalli bħala missjunarji jippreparaw lin-nies għaż-żjara ta' l-Isqof u jressqu lil kulħadd għas-Sagramenti Mqaddsa. Wisq probabbli kien permezz ta' Dun Ewġenju u missjunarji oħra li x-Xagħrin u n-nies tal-kontradi l-oħra wasslu l-ilmenti tagħhom lill-Isqof, li aktarx ma tantx kien jaf jitkellem bil-Malti.

Id-Digriet, li hu d-dokument li fih jissemmew it-talbiet tan-nies ta' l-erba' kontradi, jgħid ċar u tond li Dun Ewġenju qed jinħatar bħala viċi ta' Dun Karlu. Iżda jagħtik x'tifhem ukoll li qed jinħatar daqs kważi kappillan għall-kontradi tal-kampanja. L-Isqof infatti jordnalu biex imur joqgħod fis-subborg tar-Rabat, 'il barra miċ-Ċittadella, biex f'kull ħin ikun jista' jagħti l-għajnuna tiegħu lil dawk li jitolbuhielu. L-Arċipriet Magri kellu mhux biss jagħtih ħames skuti fix-xahar, iżda kellu wkoll joħroġlu l-ispejjeż biex iżomm karrozzella u żiemel ħalli jkun jista' jasal f'malajr anki sa l-ibgħad postijiet tal-parroċċa.

L-istess Digriet jagħmilha ċara li dan l-arranġament hu biss temporanju; kellu jibqa' jseħħ sakemm jintrebħu xi diffikultajiet u jintemmu l-prattiċi rikjesti mil-liġi tal-Knisja biex dawk l-erba' nħawi jsiru parroċċa. Aktarx li effett ta' din il-ħatra, il-quddies fil-kappella ta' Sant'Anton sar iktar ta' spiss u fil-post bdiet issir għall-ewwel darba xi ħidma pastorali.



***Lejn it-twaqqif tal-parroċċa***

Din kienet soluzzjoni temporanja sakemm titwitta t-triq biex il-kontradi jsiru parroċċa. Kienu erbgħa l-kundizzjonijiet li riedu jiġu mwettqa sabiex dan iseħħ. L-ewwelnett kienet meħtieġa *causa iusta,* jiġifieri raġuni pastorali siewja li titlob it-twaqqif ta' parroċċa ġdida. It-tieni kien hemm ħtieġa ta' *locus congruus,* jiġifieri ta' kappella jew knisja li setgħet taqdi l-ħtiġijiet pastorali tal-komunità. It-tielet kien meħtieġ il-*consensus Parochi,* jiġifieri l-Isqof kien obbligat jisma' l-parir tal-kappillan li miegħu tagħmel il-kontrada li tkun ser titwaqqaf parroċċa, għalkemm imbagħad seta' ma joqgħodx għal dan il-parir. Ir-raba' u l-aħħar, kien meħtieġ li jkun hemm *dos congrua,* jiġifieri li jinstabu l-mezzi ħalli l-kappillan tal-parroċċa l-ġdida jkollu biex jgħix kif jixraq: fi kliem ieħor, qabel titwaqqaf parroċċa kien meħtieġ titwaqqaf dik li tissejjaħ prebenda għall-għajxien tal-kappillan.

Fil-każ ta' Sant'Anton tal-Qaċċa ma kien hemm ebda dubju ta' kawża ġusta. Tul il-Viżta Pastorali, l-Isqof kien ra b'għajnejh il-ħtieġa tat-twaqqif ta' parroċċa f'dawk l-inħawi. Is-soluzzjoni għat-tieni kundizzjoni lanqas kienet diffiċli: temporanjament setgħet tintuża l-kappella ta' Sant'Anton, u 'l quddiem kellha tinbena knisja aħjar. Dwar it-tielet u r-raba' kundizzjoni, kien hemm diversi problemi. Dun Karlu Magri kien lest li jagħti l-kunsens tiegħu iżda taħt diversi kundizzjonijiet, iżda fl-aħħar dan ingħata wkoll. Kienet diffikultà kbira għat-temmija ta' l-aħħar kundizzjoni.

Fl-imsemmi Digriet ta' l-4 ta' Mejju 1687, l-Isqof jinnota li d-diffikultà ewlenija għat-twaqqif immedjat tal-parroċċa kienet proprju n-nuqqas ta' *dos congrua.* In-nies tal-Qaċċa kienu fil-maġġuranza tagħhom fqar u għalhekk l-Isqof fehem li n-nies ftit li xejn setgħu jgħinu

għat-twaqqif tal-prebenda. Iddeċieda li jitlob l-għajnuna tal-Gran Mastru Gregorio Caraffa. Il-petizzjoni ta' l-Isqof lill-Gran Mastru tiftaħ bi stampa ċara ta' dak kollu li nnota l-Isqof tul il-Viżta u tagħfas fuq il-ħtieġa mmedjata li jitwaqqfu iktar parroċċi għall-ġid spiritwali ta' l-Għawdxin. Jgħarrfu bil-faqar kbir li fih kienu jinsabu ħafna familja Għawdxin. Il-membri ta' l-istess familja, tgħarrafna l-petizzjoni, ma setgħux imorru jisimgħu l-quddies flimkien għax ma kellhomx ħwejjeġ biżżejjed. L-ewwel allura kien imur grupp, imbagħad wara li jirritornaw lura kienu jagħtu ħwejjiġhom lill-membri l-oħra biex ikunu jistgħu jmorru l-knisja huma wkoll. Jitlob għaldaqstant lill-Gran Mastru ħalli, għall-glorja ta' Alla u għall-ġid spiritwali tas-servi fidelissimi tiegħu f'Għawdex, jogħġbu jagħti biċċa art tal-gvern f'Għawdex għat-twaqqif tal-prebenda.

Il-Gran Mastru ma damx ma laqa' t-talba tiegħu u nhar is-17 ta' Jannar 1688 ta l-approvazzjoni tiegħu għall-għotja ta' diversi bċejjeċ ta' artijiet għat-twaqqif tal-prebenda.

***28 ta' April 1688: Sant'Anton tal-Qaċċa Parroċċa***

L-Isqof Davide Cocco Palmeri kien tant fehem il-ħtieġa tat-twaqqif ta' l-erba' parroċċi li beda minnufih il-proċess għat-twaqqif ta' Sant'Anton tal-Qaċċa u tat-tliet kontradi l-oħra bħala parroċċi.

Nhar it-28 ta' April 1688, permezz tad-Digriet *Cum in prima,* miktub u rreġistrat min-Nutar Giovanni Battista Dorbes, l-Isqof waqqaf erba' parroċċi ġodda. Id-Digriet jibda billi jsemmi l-Viżta Pastorali tas-sena ta' qabel li matulha dehru ċari ħafna l-ħtiġijiet pastorali ta' l-Għawdxin tal-kampanja. Dawn il-ħtiġijiet kienu ġiegħlu lill-Isqof biex mill-iktar fis iwaqqaf erba' parroċċi ġodda. Isemmi mbagħad l-għajnuna li nstabet mingħand il-Gran Mastru Caraffa għat-twaqqif tal-prebendi u kif mal-proprjetà mogħtija mill-Gvern kien ser jgħaqqad xi beni tal-kappillan ta' San Ġorġ.

Jiġi mbagħad, it-twaqqif formali tal-parroċċa. L-Isqof jibda billi jgħid li wasal għad-deċiżjoni wara li talab lil Ġesù Kristu, lil Ommu Marija dejjem Verġni u lil San Pawl Appostlu, Patrun ta' dawn il-gżejjer. Dawn huma l-kelmiet preċiżi ta' l-erezzjoni ta' l-erba' parroċċi, l-ewwel fosthom Sant'Anton:

*Declarantes ex tunc in antea, et in perpetuum Ecclesias praefatas...S[anc]ti Antonii dela Caccia seu alias in locis a Nobis infra designandis de novo construendas esse vere, et cum effectu Parochiales, et Curatas distinctas, et ad invicem separatas cum Populo, et Populis ibidem respective habitantibus, et a Matrice Ecclesia Collegiata eiusque Archipresbyteratu perpetuo dismembratas, seu verius disiunctas et divisas.*

Wara l-erezzjoni tal-parroċċi, id-Digriet isemmi d-drittijiet parrokkjali tal-kappillani li ser jaħtar u jgħaddi għall-ħatra tagħhom.

***Dun Bernard Formosa: l-ewwel kappillan***

Il-ħatra tal-kappillani ġodda tibda billi l-Isqof jagħmilha ċara, bħalma għamel fil-kelmiet ta' l-erezzjoni tal-parroċċi, li qed jagħmilhom kappillani tal-knejjes imsemmija jew inkella ta' dawk li kellhom jinbnew ġodda. Il-ħatra ta' l-ewwel kappillan ta' Sant'Anton hi magħmula b'dawn il-preċiżi kelmiet:

*In Parochum et Rectorem Regionis sive Contratae S[ANC]TI ANTONII DE CACCIA sacerdotem D[on] Bernardum Formosa er pro eius Populi commoditatem Ecclesia Parochialem in spatio pubblico secus domos Dominici Bigeni, Dominici Xerri, Antonii Pace, Laurentii Vella, Alexandu Refalo et aliorum construi mandamus.*

Jiġifieri:

Naħtru bħala Kappillan u Rettur tar-reġjun jew kontrada ta' Sant'Anton tal-Qaċċa lis-saċerdot Dun Bernard Formosa, u għall-kumdità tal-poplu tiegħu nordnawlu biex jibni Knisja Parrokkjali f'biċċa art pubblika fl-inħawi tad-djar tas-Sinjuri Bigeni, Dumink Xerri, Anton Pace, Lawrenz Vella, Alessandru Refalo u oħrajn.

L-Isqof itemm id-Digriet billi jispjega ċar fiex se tkun tikkonsisti l-prebenda tal-kappillan: biċċa raba' li qabel kienet pubblika ġewwa x-Xagħra stess u biċċa proprjetà li qabel kienet tal-kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ. Barra dan, l-Isqof juri t-tama li l-offerti tal-fidili ma jonqsux. L-Isqof innifsu jissuġġerixxi tliet offerti. L-ewwelnett l-offerta magħmula fuq il-ħsad tal-qamħ u x-xgħir. Kienet drawwa qadima u mxerrda f'ħafna pajjiżi li l-bdiewa jagħtu parti mill-qligħ tal-ħsad lill-kappillan u lill-parroċċa tagħhom. Kien hemm imbagħad id-drittijiet parrokkjali, jiġifieri xi ħlasijiet żgħar lill-kappillan meta dan joffri s-servizzi tiegħu lill-parruċċani, bħal ngħidu aħna meta kien jassisti l-marid lejl u nhar tul l-agunija u meta jmut jagħmillu l-funeral. Kellhom fl-aħħarnett dritt għal kull għotja oħra, li f'xi okkażjonijiet partikulari, bħal fit-tberik, soltu tingħata lill-kappillan.

Il-parroċċa ta' Sant'Anton tissemma t-tieni fost l-erba' parroċċi li twaqqfu nhar it-28 ta' April 1688. Ġara hekk għax, skond l-użanza ta' dak iż-żmien, l-Isqof mexa mad-data ta' l-ordinazzjoni ta' l-ewwel kappillani magħżula. Inzerta li l-iktar li kien ilu jqaddes kien Dun Lazzru Camilleri, il-kappillan ta' Sannat, ordnat qassis nhar it-13 ta' Marzu 1655. Sannat għaldaqstant, tniżżel l-ewwel. Warajh kien jiġi Dun Bernard Formosa, il-kappillan tal-Qaċċa, ordnat Terranova, Sqallija, fil-21 ta' Diċembru 1669, u r-raħal għaldaqstant tniżżel it-tieni. It-tielet kien Dun Bernard Haber ta' Santa Marija tal-Qala, aktarx ordnat nhar is-17 ta' Diċembru 1678, u fl-aħħarnett, Dun Franġisk Vella, kappillan taż-Żebbuġ, ordnat saċerdot fil-15 ta' Marzu 1687.

Il-parroċċa tax-Xagħra twaqqfet fil-kappella ta' Sant'Anton, iżda l-ewwel kappillan kellu jibni knisja oħra għal iktar kumdità tal-poplu. Fil-fatt, fl-1692 bdiet tintuża

l-Knisja Parrokkjali l-ġdida ddedikata lin-Nativitá, popolarment magħrufa bħala l-Madonna tal-Vitorja.

***L-approvazzjoni ta' Ruma***

L-approvazzjoni mill-Vatikan għal kulma kien għamel l-Isqof, inqalgħet b'responsorju tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju maħruġ nhar il-5 ta' Marzu, 1689. Fis-6 ta' Ġunju, inħarġet in-nomina formali ta' Dun Bernard Formosa bħala kappillan tal-Qaċċa.

Id-Digriet *Vitae ac morum* li jaħtar lil Dun Bernard kappillan, jibda billi jsemmi l-ħajja u d-drawwiet tajba li bihom kien imżejjen dan is-saċerdot. Fuq dawn il-virtujiet ta' Dun Bernard kienu taw xhieda nies ta' min joqgħod fuqhom. Ikompli billi jfakkar lill-kappillan bid-dmir li jiddefendi l-parroċċa tiegħu bil-ġid kollu li kien marbut magħha.

***Jum il-Pussess f'Sant'Anton***

Feġġ fl-aħħar, il-jum minn żmien twil mistenni min-nies tal-Qaċċa kollha. Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Ġunju, l-għada tal-festa tal-Korpus, Dun Bernard ħa l-pussess ta' l-ewwel kappillan ta' Sant'Anton tal-Qaċċa.

Il-pussess tmexxa minn Dun Ġamri Vella, kanonku tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex u Privigarju ta' l-Isqof. Kien delegat biex imexxi l-pussess mill-Vigarju Ġenerali ta' Malta, Dun Antonio Manso.

Dun Bernard twassal sa Sant'Anton minn Dun Ġamri. Imbagħad telgħu flimkien fuq l-artal u Dun Bernard biesu; bewsa li titqies bħala wegħda solenni li jwettaq sewwa dmirijietu u li jħares id-drittijiet tal-parroċċa tiegħu. Wara, skond ir-rit ta' dak iż-żmien, fetaħ u għalaq il-bieba tat-tabernaklu u l-bieb ewlieni tal-Knisja. Fi tmiem iċ-ċerimonja, Dun Bernard intona t-*Te Deum.*

Mingħajr ebda dubju, minkejja li kien jum ta' xogħol, ix-Xagħrin kollha mlew daqs bajda l-knisja parrokkjali ċkejkna tagħhom biex ikunu xhieda ta' dak il-jum ta' ferħ. U l-qanpiena żgħira li kienet iddendlet fuq il-bejt żgur li ma hedietx għal mument wieħed biss tħabbar lil tal-qrib u lil tal-bogħod li dak inhar f'Għawdex kienet twieldet parroċċa ġdida, kien twieled raħal ġdid.

**Biblijografija:**

*[It-tagħrif hawn miġjub hu prinċipalment ibbażat fuq dawn id-dokumenti]*

ARKIVJU ARĊIVESKOVILI TA' MALTA, *Viżta Pastorali* (1687/B), 602v 'il quddiem.

ARKIVJU ARĊIVESKOVILI TA' MALTA, *Beneficia* (1685-1711), 106r ' il quddiem.

ARKIVJU NAZZJONALI (GĦAWDEX), ms 145, G.P.F. AGIUS DE SOLDANIS, *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano* (1745).

ARKIVJU NOTARILI TA' MALTA, G.B. DORBES, *Atti* 792/10, 28 ta' April, 1688.

ARKIVJU VESKOVILI TA' GĦAWDEX, *Capitula/ Processus super erectione Collegiatae Insulae Gaudisii* (1667), 49r-85r.

**REFALO WOODWORK**

***Għal kull xogħol ta'***

**GĦAMARA, KĊEJJEN U POĠĠAMANI**

***bi Prezzijiet Moderati***

*Irrikorru għand:*

**ANDY REFALO *(tal-Qaddis)***

**Ġnien Imrik Street, Xagħra.**

**Tel. 562788; 560645.**